# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 2565/98 NA**

**Rita Maria Walker**

**vs**

**Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Gerald Bonello bhala kuraturi deputati nominati b'digriet tal-20 ta' Novembru 1997 biex jirrapprezentaw lill-assenti minn dawn il-Gzejjer Glen Walker**

**Separazzjoni Personali - Abbandun**

**Il-Qorti akkordat is-separazzjoni personali lill-attrici f'din il-kawza ghat-tort tal-konvenut li kien abbandunaha biss sentejn wara z-zwieg u ghalhekk iddekada mid-drittijiet tieghu a tenur ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-7 ta' Dicembru 1998 fejn ippremettiet:

"Illi fit-8 ta' Lulju 1978, l-attrici zzewget lill-konvenut (Dokument "A") gewwa Melbourne fl-Awstralja, minn liema zwieg il-konjugi Walker kellhom zewg ulied Ted Paul u Martin George li llum huma t-tnejn maggorenni;

Illi sa mill-1980, il-konvenut abbanduna sew lill-martu kif ukoll liz-zewg uliedu u mar ighix f'indirizz injot;

Illi l-attrici giet Malta flimkien ma' uliedha f'Lulju tal-1986 u stabbiliet ir-residenza permanenti taghha f'Malta;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti kienet saret impossibbli minhabba li l-konvenut abbanduna lill-martu ghal snin twal, u naqas mill-obbligu tal-koabitazzjoni, mill-obbilgu tal-manteniment u rrenda ruhu hati ingurji gravi;

Illi l-konvenut qatt ma gie Malta flimkien ma' l-attrici sabiex jistabbilixxu r-residenza permanenti taghhom f'Malta;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontenzjuza permezz ta' Digriet tas-Sekond'Awla numru 245/1998 hawn anness bhala Dokument "C";

TALBET li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:-

1. tiddikjara s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort unikament tal-konvenut;

2. tiddikjara li qatt ma ezistiet komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, jew jekk kemm-il darba din tezisti bejn il-kontendenti, li tassenjaha kollha kemm hi lill-attrici u tiddikjaraha xolta skond Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

3. tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tieghu, kif provdut fl-Artikolu 48;

4. kemm-il darba jirrizulta possibbli, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata alimentarja li jidhrilha xierqa.

Il-konvenut huwa minn issa ngunt biex jidher ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello bhala kuratur ta' l-assenti b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-20 ta' Novembru 1997.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi tal-10 ta' Mejju 1999 fejn iddikjaraw illi ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri.

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 1999 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi u dana wara li l-attrici kienet iddikjarat (dikjarazzjoni ripetuta minnha fix-xhieda bil-gurament) li kienet tilfet kull kuntatt mal-konvenut u ma kellhiex l-indirizz tieghu.

L-attrici xehdet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 1999 u quddiem il-Qorti fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2000 fejn gie dikjarat li l-partijiet ma kellhomx aktar provi w il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx dubbju li l-attrici ghandha dritt titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut li abbanduna lilha u lit-tfal minuri xi sentejn biss wara z-zwieg u ghalhekk ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-istess konvenut.

Minkejja illi ma giet qatt sollevata l-kwistjoni l-Qorti thoss illi ghandha tiddikjara l-gurisdizzjoni taghha a bazi tad-domicilju ta' l-istess attrici in linea man-normi tad-Dritt Internazzjonali Privat ta' pajjizna u dana peress li z-zwieg gie celebrat barra minn Malta.

Ma jista' qatt pero' kien hemm ir-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn din il-koppja peress illi z-zwieg gie ccelebrat barra minn Malta u peress illi ma jistax jinghad illi l-koppja qatt stabbilew irwiehhom f'dawn il-Gzejjer.

Di piu' filwaqt li l-attrici gabet il-prova tal-bzonnijiet u n-necessitajiet u ta' l-introjtu taghha ma gabitx l-icken prova dwar l-introjtu tal-konvenut, lanqas li dan effettivament kien qed jahdem u f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss illi ma tistax takkorda alimenti f'dan l-istadju b'rizerva ghal kull azzjoni futura li tista' tipproponi l-istess attrici.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti:

1. tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konvenuti b'tort unikament tal-konvenut;

2. tiddikjara li qatt ma ezistiet il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti;

3. tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif provvdut fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

4. salv ir-riserva fuq maghmulha f'dan l-istadju tastieni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

L-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.